MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 1868/1999/1

**Isabelle Muscat f'isimha proprija
u f'isem il-minuri Jessica**

**v.**

**James Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, fil-kwalità taghha

premessa, wara illi ppremettiet li l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru impossibbli, u dan ghar-ragunijiet digà migjuba quddiem is-Sekond Awla ta' dik il-Qorti li b'digriet ta' (l-) 24 ta' Gunju, 1999, awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni; li dawn ir-ragunijiet huma eccessi, sevizji u ingurji gravi, oltre li z-zwieg tkisser irremedjabilment; li minn dan iz-zwieg hemm il-minuri Jessica; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u da bi htijiet imputabbli lill-konvenut, u dan ghar-ragunijiet premessi; 2. tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess retta; 3. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gjà ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut; 4. tikkommina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti ta' l-artikli 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili; 5. tafda [recte: tafdalha] l-kura u l-kustodja tat-tfal (*sic*) minuri Jessica kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess; 6. tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz; 7. tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha; bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond Awla ta' dik il-Qorti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi huwa jaqbel li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli u li z-zwieg tkisser irremedjabilment, izda dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici li kkomettiet adulterju, abbandunat id-dar matrimonjali u issa qeghda tghix ma ragel iehor;

2. Illi ghalhekk l-ewwel talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu imputabbli lilha (*sic*);

3. Illi t-tieni talba hija infondata wkoll stante illi l-attrici iddekadiet mid-dritt taghha ta' manteinment (*sic*);

4. Illi l-konvenut ma jopponix ghat-tielet (3) talba;

5. Illi r-raba (4) talba hija nfondata;

6. Illi m'huwiex xierqa (*sic*) illi l-kura u l-kustodja tat-tarbija tigi fdata lill-attrici li issa qeghda tghix ma' ragel iehor;

7. Illi s-sitt (6) talba hija infondata u ghandha tigi wkoll michuda stante li hija l-attrici li abbandunat id-dar konjugali u qeghda tghix band'ohra ma' ragel iehor;

8. Illi l-konvenut ma jopponix ghas-seba (7) talba b'dan li l-ispejjez ghandha tbaghtihom l-attrici;

Salv eccezzjonijiet ohra premessi (*sic*) mill-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut illi permezz taghha, wara illi ppremetta illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Lulju, 1998 gewwa l-Knisja tal-Grazzja, Haz-Zabbar; illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla Jessica ta' seba (7) snin; illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment minhabba servizzi (*sic*), ingurji gravi, mohqrija, adulterju da parti ta' l-attrici rikonvenzjonata Isabelle Muscat fil-konfront tal-konvenut rikonvenzzjonant James Muscat; illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali bejniethom permezz ta' digriet tas-Sekond Awla datat l-24 ta' Gunju, 1999; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u b'tort uniku ta' l-attrici rikonvenzzjonata; 2. tafda l-kura w il-kustodja tat-tifla minuri Jessica f'idejn il-konvenut rikonvenzzjonant, jew alternattivament tawtorizzah ikollu access xieraq ghall-istess tarbija; 3. tiddikjara illi l-attrici rikonvenzzjonata iddekadiet minn kull dritt ta' manteniment minghand il-konvenut rikonvenzzjonant; 4. tapplika kontra l-attrici rikonvenzzjonata l-artikoli 48, 52 u 55 tal-Kadici Civili sa fejn applikabbli w in partikolari li l-attrici rikonvenzzjonata iddekadiet mid-drittijiet successorji

taghha fil-konfront tal-konvenut rikonvenzzjonant; 5. tawtorizza lill-konvenut rikonvenzzjonant jghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinstab 35, Triq J. Stivala, Paola; bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzzjonata ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat illi l-attrici, debitament notifikata bil-kontrotalba tal-konvenut, naqset illi tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ghaliha;

Rat is-sentenza tad-disgha (9) ta' Dicembru, 2004 illi permezz taghha l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ikkonkludiet hekk:
"… taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel, ir-raba' u sitt talba attrici *stante* li z-zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null b'sentenza datata 30 ta' Jannar 2003, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

"1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba sabiex jippronunzja [*recte*: tippronunzja] s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut, u dan *stante* li z-zwieg bejn il-partijiet gie annullat b'decizjoni tat-30 ta' Jannar 2003;

"2. Tichad it-talba sabiex jigi ffis[s]at manteniment ghall-attrici, izda fl-interess tal-minuri tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-istess minuri s-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60) kull erba' (4) gimghat, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici, u l-istess ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu attwali u futur u jintbaghat mill-istess *employer* lil omm il-minuri fir-residenza taghha u ghalhekk tordna lill-attrici sabiex tinnotifika a spejjez taghha kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut;

“3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gjà ezistenti bejn il-partijiet u dan b’effett mit-30 ta’ Jannar 2003 u dwar il-likwidazzjoni u divizjoni ta’ l-istess u wkoll dwar l-oggetti parafernali tal-partijiet din il-Qorti tiddikjara u tordna s-segwenti:-

“(a) Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din il-Qorti tassenja lill-attrici l-ghamara kollha li hemm f’dak li kien il-fond matrimonjali li huma formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti (esklusi ghalhekk l-oggetti u l-ghamara indikata bhala parafernali ta[l]-konvenut u hawn imsemmija) b’dan li din il-Qorti tiddeciedi *arbitrio boni viri* u tordna li l-attrici thallas lill-konvenut l-ammont komplessiv ta’ elfejn, sitt mija u ghaxar lira Maltin (Lm2,610) *per saldo* ghall-ispejjez kollha li ghamel fl-istess immobbli proprjetà ta’ l-attrici w ukoll ghal kull pretensjoni dwar l-istess komunjoni;

“(b) Illi l-fond immobbli 35, Triq il-Ghabex, Marsa huwa proprjetà parafernali ta’ l-attrici u dan huwa ammess mill-konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu tal-31 ta’ Awissu 2004, u ghalhekk tali fond jappartjeni lill-attrici u l-konvenut ma ghandu l-ebda dritt fuq l-istess;

“(c) Illi l-oggetti parafernali appartenenti lill-konvenut huma *fridge*, *cooker*, *television* kbir u iehor zghir, *video*, *hood* tal-kcina, *freezer*, fanal, mera u ghalhekk tordna lill-attrici sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza tikkonsenja l-istess oggetti lill-konvenut fir-residenza attwali tieghu;

“4. Tastjenji milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba;

“5. Illi din il-Qorti tafda l-kura u kustodja tal-minuri Jessica f’idejn l-attrici b’dan però li l-istess kura u kustodja ghandha tigi moniterjata mill-Agenzija Appogg, sabiex l-istess Agenzija tara u ssegwi l-izvilupp ta’ l-istess minuri, ukoll tara li l-istess attrici taghmel dak kollu li ser jigi hawn ordnat li jsir minnha u mill-istess minuri u cjoè li:-

“(a) L-istess minuri tat[t]endi ghal terapija intensiva taht is-supervizjoni ta’ l-Agenzija Appogg, b’dan li tali terapija

tigi indikata lill-minuri mill-istess Agenzija u dan kollox a spejjez attrici;

"(b) Tigi assenjata s-*social worker* Therese Micallef mill-Agenzija sabiex thares l-interessi tal-konvenut bhala missier ta' l-istess minuri u sabiex ghan-nom ta' l-istess tkun tista' tirrelata ma' l-istess minuri u t-terapista taghha bil-mod indikat fir-rapport ta' Dr. Joseph u Anna Cassar datat 11 ta' Novembru 2002 a spejjez taz-zewg partijiet;

"(c) L-istess partijiet isegwu wkoll korsijiet ta' terapija u *parental skills* kif dirett lilhom minn din il-Qorti b'dan li l-Agenzija Appogg ghandha tidderigi lill-partijiet f'dan is-sens u dan ghas-spejjez taz-zewg partijiet;

"(d) Illi l-access ghall-minuri ghandu jibda jsehh kif inhu attwalment ghal nofs siegha kull hmistax-il (15) gurnata, taht id-direzzjoni ta' *social worker* ta' l-Agenzija Appogg, li ghandha thejji rapport dwar ir-rizultat ta' l-istess kull perjodu ta' sitt (6) xhur, b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u dan a spejjez taz-zewg partijiet, b'dan però li l-istess *social worker* ghandha tara li l-istess minuri ghandha tithalla libera sabiex tiddeciedi jekk l-istess minuri tridx jew le tattendi ghall-istess access mal-missier, b'dan li l-Agenzija Appogg ghandha fuq dan il-punt tirrelata mat-terapista ta' l-istess minuri, li ghandha tara li la l-omm u lanqas il-missier, u lanqas familjari tal-partijiet ma jaghmlu l-ebda pressjoni fuq l-istess minuri. Tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet;

"5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba;

"6. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha;

"Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet hlief ghal dak li hemm provvediment *ad hoc* dwarhom fl-istess decizjoni.

"Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenut James Muscat din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut u dan biss fejn l-

istess huma inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel, it-tielet, r-raba’ u l-hames talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu *stante* li z-zwieg bejn il-partijiet gie ddikjarat null b’sentenza datata 30 ta’ Jannar 2003, tilqa’ t-talbiet l-ohra fil-kontro-talba biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

“1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* li tali zwieg gie ddikjarat null b’sentenza bejn il-partijiet datata 30 ta’ Jannar 2003;

“2. Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li l-istess konvenut ghandu jkollu access kif hawn deciz u dan fl-interess ta’ l-istess minuri b’dan ghalhekk li kif gie deciz konsegwenti ghac-citazzjoni attrici din il-Qorti tafda l-kura u kustodja tal-minuri Jessica f’idejn l-attrici b’dan però li l-istess kura u kustodja ghandha tigi moniterjata mill-Agenzija Appogg, sabiex l-istess Agenzija tara w issegwi l-izvilupp ta’ l-istess minuri, wkoll tara li l-istess attrici taghmel dak kollu li ser jigi hawn ordnat li jsir minnha u mill-istess minuri u cjoè li:-

“(a) L-istess minuri tat[t]endi ghal terapija intensiva taht is-supervizjoni ta’ l-Agenzija Appogg, b’dan li tali terapija tigi ndikata lill-minuri mill-istess Agenzija u dan kollox a spejjz attrici;

“(b) Tigi assenjata s-*social worker* Therese Micallef mill-Agenzija sabiex thares l-interessi tal-konvenut bhala missier ta’ l-istess minuri u sabiex ghan-nom ta’ l-istess tkun tista’ tirrelata ma’ l-istess minuri u t-terapista taghha bil-mod indikat fir-rapport ta’ Dr. Joseph u Anna Cassar datat 11 ta’ Novembru 2002 a spejjez taz-zewg partijiet;

“(c) L-istess partijiet isegwu wkoll korsijiet ta’ terapija u *parental skills* kif dirett lilhom minn din il-Qorti b’dan li l-Agenzija Appogg ghandha tidderigi lill-partijiet f’dan is-sens u dan ghas-spejjez taz-zewg partijiet;

“(d) Illi l-access ghall-minuri ghandu jibqa’ jsehh kif inhu attwalment ghal nos siegha kull hmistax-il (15) gurnata, taht id-direzzjoni ta’ *social worker* ta’ l-Agenzija Appogg, li

ghandha thejji rapport dwar ir-rizultat ta’ l-istess kull perjodu ta’ sitt (6) xhur, b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u dan a spejjez taz-zewg partjiet, b’dan però li l-istess *social worker* ghandha tara li l-istess minuri ghandha tithalla libera sabiex tiddeciedi jekk l-istess minuri tridx jew le tattendi ghall-istess access mal-missier, b’dan li l-Agenzija Appogg ghandha fuq dan il-punt tirrelata mat-terapista ta’ l-istess minuri, li ghandha tara li la l-omm u lanqas il-missier, u lanqas familjari tal-partijiet ma jaghmlu l-ebda pressjoni fuq l-istess minuri. Tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet;

“3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba minhabba li dan iz-zwieg gie annullat;

“4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba minhabba li dan iz-zwieg gie annullat;

“5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba minhabba li dan iz-zwieg gie annullat;

“Bl-ispejjez ta’ l-istess kontro-talba kontra z-zewg partijiet hlief ghal dak li hemm provvediment *ad hoc* dwarhom fl-istess decizjoni u anke konsegwenti tac-citazzjoni attrici u kontro-talba tal-konvenut”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, però jidher z-zwieg bejn il-kontendenti gie ddikjarat null u bla effett b’decizjoni ta’ din il-Qorti datata 30 ta’ Jannar 2003 wara l-kawza fl-ismijiet *Isabelle Muscat xebba Sammut vs James Muscat* (P.A. (RCP) Citaz. Numru 336/2000). Dan issemma fin-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attrici però ma kien hemm ebda indikazzjoni meta kienet inghata[t] din is-sentenza.

“Illi fil-fatt fl-istess kawza kien inghad illi:-

‘*Illi l-partijiet iltaqghu meta t-tnejn kienu zghar fl-età u l-attrici harget tqila waqt l-eghrusija. Peress li kienu*

*ghadhom zghar ma zzewgux u damu hafna f'din is-sitwazzjoni fejn hi kienet tghix ghand ommha bit-tifla u hu mal-ġenituri tieghu. Illi rrizulta li dawn digà f'dan il-perjodu kien qed ikollhom hafna argumenti u problemi. Illi però nonostante dan meta t-tifla waslet biex taghmel il-precett l-attrici xtaqet li jizzewgu biex it-tifla jkollha l-posizzjoni taghha rregolarizzata. B'hekk iddecidew li kien ahjar fl-interess tat-tifla li jsir hekk - ghalkemm jinghad li erba' xhur biss wara li zzewgu l-attrici telqet mid-dar u meta t-tifla ghamlet il-precett kienu digà mifrudin. L-attrici stess ammettiet li hi kienet waqfet thobb lill-konvenut meta hija harget tqila.*

'*Illi kif qalet tajjeb il-Perit Legali Dr. Tanya Sammut irrizulta li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom u peress li kienu jiggieldu spiss kienu jaghmlu perjodi twal ma jkellmux lil xulxin. L-attrici kkonfermat li kien dejjem il-konvenut li kien irid jirranga r-relazzjoni taghhom. Infatti rrizulta li hu kien iffissat fuqha. Illi dan kollu juri nuqqas ta' maturità kbira min-naha tat-tnejn ghax zgur li ma kinitx decizjoni li ttiehdet bil-gudizzju adegwat li suppost wiehed irid ikollu biex jizzewweg;*

'*Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazzjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-artikli 19 (1) (d) u (f) li huma mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenza 'Ahmed Al Halel vs Karen Portelli' (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Citaz. Numru 134/00/RCP) u abbazi ta' l-istess gurisprudenza u awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vvizjat ai termini ta' l-artikoli 19 (1) (d) u (f) minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat*'.

"Illi hija f'din l-optika li ghandha tigi trattata llum din il-kawza, b'dan li s-separazzjoni tal-partijiet certament li ma hemm l-ebda bzonn li tigi ddikjarata, peress li z-zwieg bejn il-partijiet gjà gie ddikjarat null in forza tas-sentenza fuq citata.

"Illi ma hemm l-ebda dubju li din il-kawza hija qabel xejn karatterizzata bi glieda kbira bejn il-genituri tal-minuri Jessica, tant li minn din il-Qorti kif presjeduta u kif kienet

presjeduta tqabbdu diversi esperti sabiex jghinu lill-Qorti fuq il-punt tal-kura u l-kustodja tal-minuri, dejjem fl-interess ta’ l-istess minuri.

“Illi hemm fl-ewwel lok rapport ta’ Louise Xerri datat 2 ta’ Ottubru 2002 u fejn jirrizulta li gjà l-istess minuri kienet qed t[i]rrifjuta li tara lill-missierha anke ghaliex l-istess minuri ‘*thossha lejali lejn ommha u fl-istess hin hi forsi tinkwieta li ommha tabbanhuna[ha] wkoll u ghalhekk ser taghmel minn kollox biex tinghogob maghha …*’.

“illi kien hemm ukoll rapporti mis-*social worker* Norbert Cilia datat 6 ta’ Dicembru 2001 fejn jinghad li l-minuri ma kienet qatt kel[l]met lill-missierha u jidher li l-fatt li l-istess minuri kienet tkun akkumpanjata minn omm l-attrici ma kienx jghin (fol. 29/30).

“Illi f’din il-kawza giet ukoll inkarigata Carmen Delicata bhala *family t*[*h*]*erapist* li pprezentat zewg rapporti datati 6 ta’ Gunju 2001 u 6 ta’ Dicembru 2001 a fol 79 u 111 tal-process tar-rikors tal-konvenut datat 25 ta’ Jannar 2000 li mill-istess rapporti jidher li l-istess minuri ma tkellmitx mal-esperta, izda jidher li l-istess minuri kienet dejjem taht il-kontroll ta’ ommha, tant li jidher li l-attrici tkellmet ghall-minuri hija;  l-missier min-naha tieghu wera x-xewqa li jara lill-bintu, u fil-fatt dejjem mar ghall-appuntament iffissat mill-Qorti diversament presjeduta ta’ access ghall-minuri mill-missier ta’ darba fil-gimgha wkoll taht supervizjoni, liema access ma sehhx peress li l-minuri dejjem irrifjutat li tara lill-missierha (fol. 80).   Jidher mill-osservazzjoniet maghmula mill-istess Carmen Delicata li t-tifla f’dan ir-rigward taghmel ezatt kif taghmel ommha - l-attrici fil-fatt triq [*recte*:  trid] taqta’ lill-konvenut minn hajjitha, u ghalhekk hekk trid taghmel l-istess minuri.   F’dan il-kuntest issuggeriet li l-access ghall-minuri jieqaf sakemm il-minuri tkun lesta taghmel dan.  Is-sitwazzjoni baqghet l-istess meta l-istess Carmen Delicata rrap[p]ortat fid-29 ta’ Novembru 2001 minkejja t-tentattivi ta’ l-istess terapista u wkoll tal-psikologista Dr. Roberta Attard.   Jidher mix-xhieda ta’ l-istess terapista datata 20 ta’ Gunju 2002 li l-Qorti diversament presjeduta rrak[k]omandat li l-access tal-missier taht supervizzjoni ta’ *social worker* mill-

Agenzija Appogg jibqa' jsir però ghal nofs siegha kull gimghatejn ghall-minuri li llum ghandha 12 il-sena.

"Illi fi[l]-25 ta' Gunju 2002 gie pprezentat rapport ta' Norbert Cilia fejn indika li f'sena u nofs ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn il-minuri u l-istess missier ghaliex il-minuri dejjem irrifjutat li taghmel dan issuggerixxa li tali access jieqaf ghaliex tali access huwa ta' '*detriment u frustrazzjoni kemm ghall missier u ukoll ghall-minuri*'. Norbert Cilia kkonferma dan kollu fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2002.

"Illi Alexia Azzopardi bhala *social worker* xehdet fis-26 ta' Gunju 2002 li kkonfermat li t-tifla kienet tingieb min-nanna u dejjem irrifjutat li tkellem lill-missierha.

"Illi Dr. Joseph u Dr. Anna Cassar pprezentat [*sic*] fil-11 ta' Novembru 2002 jidher li l-istess minuri ghal darba ma xtaqhitx tiltaqa' ma' missierha, l-attrici giet moghtija *test* psikologiku li minnha rrizulta li hija kienet difensiva fir-risposti taghhom [*recte*: taghha] uzat ripressjoni u *denial* fir-risposti taghha u skond l-esperti '*t-test wera wkoll li l-attrici turi li hija ribelluza lejn l-awtorità* …'. Dwar il-konvenut inghad li '*Huwa wera li jista' jidhol f'sitwazzjoni assocjali, u jista' jigdeb, jiccitja u jixrob alkohol eccessiv. Huwa jista' jkun ribelluz lejn l-awtorità*'.

"Illi din il-Qorti tirreferi ghal rakkomandazjoni ta' l-istess esperti minn fol. 134 sa 136 tal-process.

"Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri jirrizulta li [l-]minuri Jessica twieldet f[i]s-17 ta' Awissu 1991 u llum ghalhekk ghandha tlettax il-sena. Twieldet minn relazzjoni li kellhom il-partijiet qabel iz-zwieg, u l-partijiet izzewgu biss fil-25 ta' Lulju 1998, meta l-istess minuri kellha gjà 7 snin; wara ftit xhur iz-zwieg sfaxxa ghaliex l-attrici telqet mid-dar minhabba diversi argumenti li kellha mal-konvenut, u b'digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili l-istess konvenut gie ordnat jabbanduna *pendente lite* d-dar konjugali. Fl-*affidavit* tieghu a fol. 106 tal-process kull ma qed jitlob il-konvenut huwa li:-

‘*L-access jibqa’ jsehh u jizdied minn nofs siegha kull hmistax ghal nofs siegha kull gimgha ghaliex ghad ghandi t-tama li meta tikber ftit iehor it-tifla tibda tirraguna wahedha u taghraf illi jiena nhobbha u nixtieqilha kull gid. Jekk però dan l-access jinqataghli jiena nkun tlift lil binti ghal dejjem ghaliex jinqaghtali kull kuntatt minn ma’Jessica u nibza’ li jkun aktar difficli sabiex tinduna li jiena verament inhobbha*.’

“Illi min-naha l-ohra mir-rapporti fuq indikati jidher car li l-iskop ta’ l-attrici huwa li kompletament taqta’ lill-konvenut mill-hajja ta’ din it-tifla, u l-istess tifla tinsab taht il-kontroll ta’ ommha kompletament tant li skond l-istess esperti l-istess minuri ‘*tidher car li hija mbezza hafna li ser taghmel jew tghid xi haga li biha titlef il-lejaltà taghha ma’ ommha*’ (pagna 134 tal-process u fol. 16 tar-rapport peritali ta’ Dr. Joseph Cassar u Dr. Anna Cassar). Fil-fatt fl-istess rapport hemm indikat ukoll li t-tifla trid tbiddel isimha sabiex taqta’ kull kuntatt ma’ missierha u dwar dan l-istess esperti ghamlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom a fol. 135 tal-process.

“Illi ma dan wiehed irid izid li ma hemm l-ebda dubju li l-istess partijiet illum ghandhom relazzjoni ma’ siehba ohra, u ma hemm l-ebda dubju li l-attrici introduciet lill-istess minuri ma’ dan is-sieheb gdid Quentin Zammit.

“Illi fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-istess attrici mmanipulat kemm felhet lill-minuri sabiex l-istess minuri ma tarax iktar lill-missierha, u l-istess attrici ghamlet minn kollox sabiex tara li l-istess minuri u hija ma jikkoperawx ma’ l-esperti kollha li gew imqabbda minn din il-Qorti sabiex jghinu lill-istess minuri ikollha kuntatt ma’ missierha. Dan kollu ma rnexxiex u din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li dan l-agir abbusiv ta’ l-attrici huwa fih innifsu ta’ dannu ghall-istess minuri, ghaliex bl-agir taghha hija pprojbiet lill-minuri l-opportunità li jkollha kuntatt ma’ missierha, u wara li jigi stabbilit dan il-kuntatt li l-istess minuri stess ikollha ghazla u allura tiddeciedi hija jekk tridx ikollha kuntatt ma’ missierha jew le. Dan l-attrici u l-familjari taghha cah[h]duh lill-istess minuri, u dan ghaliex l-attrici ilha li ddecidiet li taqta’ lill-

konvenut minn hajjitha, u jidher li hadet id-decizjoni ghat-tifla taghha wkoll, li taqta' lill-minuri minn kull kuntatt ma' missierha.

"Illi sfortunatament li dan mhux l-ewwel kaz li dan gara, u laqnqas huwa l-ahhar kaz, u certament li hemm bzonn ta' nies imharrga sew sabiex l-istess agir ma jithallix isir b'dannu ghall-minuri stess, u dan il-Qorti qed tghidu bl-ikbar responsabbilità ghaliex thoss li huwa fl-ahjar interess ta' l-istess minuri, li jkollhom access adegwat kemm ghall-omm u kemm ghall-missier. Dan il-principju ma japplikax biss meta l-missier jew l-omm jagixxu b'mod abbusiv fil-konfront tal-minuri, haga li ma rrizultatx minn dawn il-proceduri, hlieh ghall agir ta' l-attrici li ddominat ghal kollox lil bintha.

"Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa importanti li l-interess tal-minuri jibqa' salvagwardjat billi jigi registrat f'din is-sentenza li missierha dejjem insista li jrid u jixtieq jaraha, anke taht ir-restrizzjonijiet li gew imposti fuqhu mill-Qorti, u dan biss sabiex jinghata spazzju u ghajnuna lill-istess minuri sabiex tibda tirreintegra ma' missierha; sforzi li minkejja l-esperti kollha imqabbda xorta wahda ma rnexxewx, u dan certament ghaliex ma kienx hemm il-ko-operazzjoni ta' omm il-minuri.

"Illi fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-omm b'dan però li l-istess kura u kustodja ghandha tigi moniterjata mill-Agenzija Appogg, sabiex l-istess Agenzija tara u ssegwi l-izvilupp ta' l-istess minuri, wkoll tara li l-istess attrici taghmel dak kollu li ser jigi hawn ordnat li jsir minnha u mill-istess minuri u cjoè li fuq il-parir ta' l-esperti mill-Qorti nnominati:-

(a) L-istess tat[t]endi ghal terapija intensiva taht is-supervizjoni ta' l-Agenzija Appogg, b'dan li tali terapija tigi ndikata lill-minuri mill-istess Agenzija u dan kollox a spejjez attrici.

(b) Tigi assenjata s-*social worker* Therese Micallef mill-Agenzija sabiex thares l-interessi tal-konvenut bhala

missier ta’ l-istess minuri u sabiex ghan-nom ta’ l-istess tkun tista’ tirrelata ma’ l-istess minuri u t-terapista taghha bil-mod indikat fir-rapport ta’ Dr. Joseph u Anna Cassar datat 11 ta’ Novembru 2002 a spejjez taz-zewg partijiet.

(c) L-istess partijiet isegwu wkoll korsijiet ta’ terapija u *parental skills* kif dirett lilhom minn din il-Qorti b’dan li l-Agenzija Appogg ghandha tidderigi lill-partijiet f’dan is-sens u dan ghas-spejjez taz-zewgt partijiet.

(d) Illi l-access ghall-minuri ghandu jibqa’ jsehh kif inhu attwalment ghal nofs siegha kull hmistax-il (15) gurnata, taht id-direzzjoni ta’ *social worker* ta’ l-Agenzija Appogg, li ghandha thejji rapport dwar ir-rizultat ta’ l-istess kull perjodu ta’ sitt (6) xhur, b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u dan a spejjez taz-zewg partijiet, b’dan però li l-istess *social worker* ghandha tara li l-isterss minuri tithalla libera sabiex tiddeciedi jekk l-istess minuri tridx jew le tattendi ghall-istess access mal-missier, b’dan li l-Agenzija Appogg ghandha fuq dan il-punt tirrelata mat-terapista ta’ l-istess minuri, li ghandha tara li la l-omm u lanqas il-missier, u lanqas familjari tal-partijiet ma jaghmlu l-ebda pressjoni fuq l-istess minuri.

“Illi l-fond immobbli 35, Triq il-Ghabex, Marsa huwa proprjetà parafernali ta’ l-attrici u dan huwa ammess mill-konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu tal-31 ta’ Awissu 2004.

“Illi l-oggetti parafernali appartenenti lill-konvenut huma *fridge*, *cooker*, *television* kbir u iehor zghir, *video*, *hood* tal-kcina, *freezer*, fanal, mera u ghalhekk tordna lill-attric sabiex fi zmien qair u perentorju ta’ 30 gurnata mid-data ta’ din is-sentenza tikkonsenja l-istess oggetti lill-konvenut fir-residenza attwali tieghu.

“Illi l-attrici tghid a fol. 43 tal-process li saru Lm2,600 spejjez qabel iz-zwieg bejniethom u ghalhekk tghid li l-konvenut ghandu jiehu l-ammont ta’ Lm1,300. Tghid li huma dovuti lejha sentejn arretrati ta’ manteniment ghaliex beda jhallas manteniment biss f’Marzu 2001. Illi min-naha tieghu l-istess konvenut jghid li ghamel spejjez

fl-ammont ta’ Lm2,010 fid-dar matrimonjali, u dwar dan l-istess konvenut ressaq bhala korroborazzjoni x-xhieda ta’ John Bonnano [*recte*: Bonanno], Joseph Scicluna, u Edwin Scicluna; jghid ukoll li ghandu nofs il-kcina, kamra tas-sodda, *unit* u sufan tal-valuri indikati a fol. 108 tal-process, dejjem skond il-konvenut.

“Illi f’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li fil-maggor parti l-versjoni tal-konvenut dwar l-ispejjez li ghamel fid-dar konjugali hija aktar kredibbli, apparti l-korroborazzjoni tax-xhieda fuq indikata, u ghalhekk dwar l-istess u dak li hija divizzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti tiddeciedi *arbitrio boni viri* u tordna li l-attrici thallas lill-konvenut l-ammont komplessiv ta’ Lm2,610 *per saldo* ghal kull pretensjoni tieghu dwar l-istess spejjez u komunjoni ta’ l-akkwisti b’dan li l-ghamara kollha formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti qed tigi assenjata lill-attrici.

“Illi ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut ghandu l-obbligu li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ bintu u fil-fatt l-istess konvenut jindika li kellu ntrojtu nett fis-sena 2002 ta’ Lm270 fix-xahar; il-manteniment *pendente lite* huwa ta’ Lm40 fix-xahar ghall-istess minuri stabilit minn din il-Qorti b’digriet tad-19 ta’ Lulju 2002 (fol. 55) wara li gie anke stabilit li f’dak iz-zmien l-istess attrici kienet tahdem; illi fic-cirkostanzi odjerni din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall manteniment ta’ bintu fl-ammont ta’ sittin lira Maltija kul[l] erba’ gimghat, pagabbli kull erba’ gimghat bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici, u l-istess ammont ghandu jinqata’ direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu attwali u futur u jint[b]aghat mill-istess *employer* lill-omm il-minuri fir-residenza taghha u ghalhekk tordna lill-attrici sabiex tinnotifika a spejjez taghha kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut.

“Illi dwar manteniment ta’ l-attrici jidher li l-istess attrici qed tahdem, illum tghix ma’ terza persuna, u fuq kollox iz-zwieg bejn il-partijiet gie ddikjarat null u ghalhekk l-istess attrici ma ghandha dritt tezigi l-ebda ammont ta’ manteniment minghand il-konvenut, hlief ovvjament dak dovut lilha u lil bintha *pendente lite*. Ovvjament il-

konvenut ma ghandu l-ebda dritt ta' manteniment kontra l-attrici minhabba li z-zwieg bejn il-partijiet gie ddikjarat null."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attrici *proprio et nomine* illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet:
"… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza (kemm dwar it-talbiet fic-citazzjoni u kemm fil-kontrotalba) appellata billi

(a) tikkonfermaha kull fejn astjeniet kemm fuq ic-citazzjoni u kemm fuq ir-rikonvenzjoni.

(b) Tirriformaha billi d-dar konjugali, parafernalment mikrija lill-attrici tigi korrettement assenjata lilha u cioè l-fond 35, J. Stivala Street, Paola.

(c) Tikkonfermaha dwar il-manteniment.

(d) Tikkonfermaha dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, izda tibdilha dwar il-provvedimenti li hemm fl-istess dwar it-terapija bi spejjez ta' l-attrici, u tikkonfermaha dwar l-access koncess lill-konvenut.

(e) Tirriformaha dwar il-qsim tal-komunjoni, billi teskludi dak li ma jidholx fil-komunjoni meta jsir il-qsim, u fi kwalunkwe kaz tordna lill-konvenut jikkompensa lill-attrici ghall-manteniment arretrat ta' bintu Jessica."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenut illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell principali interpost mill-attrici, sdalv [*sic*] ghal dak li ntqal dwar il-korrezzjoni ta' l-indirizz tal-fond matrimonjali, u tirriforma is-sentenza appellate [*sic*] fis-sens illi tilqa' l-appell incidentali ta' l-esponenti billi:-

.a. tirriforma il-manteniment ordnat li jithallas mill-konvenut lill-attrici fl-interess tal-minuri ghall-erbghin lira maltin (Lm40) kull xahar;

.b. tirriforma l-access billi zzid il-hin ta' l-access tal-konvenut u ma torbtux anke bil-mod limitat espress mill-Ewwel Onorabbli Qorti mad-decizzjoni tat-tifla li tithal[l]a libera tiddeciedi jekk tridx tara jew le lil missierha;

.c. tirriformaha dwar il-qsim tal-kommunjoni ta' l-akkwisti billi zzid is-somma dovuta bhala kumpens lill-konvenut mill-attrici, inkella taqsam l-ghamara li nxtrat ghaz-zwieg bejn il-partijiet u fil-kumplament tikkonferma s-sentenza moghtija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici";

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-attrici kontra s-sentenza appellata huma in sostanza s-segwenti:
(1) Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell:
"… waqt li ghandu jkun hemm l-access, huwa mitlub li jitnehha kull provvediment dwar terapija bi spejjez ta' l-omm";

(2) Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell:
"L-ewwel Onorabbli Qorti tat lill-mara d-dar tal-genituri tar-ragel. 35 Triq il-Ghabex Marsa qatt ma kienet dar konjugali imma d-dar tal-genituri tar-ragel. Dan ghandu jkun korrett. … Id-dar fejn tabita l-omm [l-attrici] hija 35 Stivala Street, Paola, …";

(3) Illi l-kundanna illi l-attrici thallas lill-konvenut sehem mill-ispejjez inkorsi sabiex tigi reza abitabbli d-dar matrimonjali mhix gusta ghaliex, fi kliem ir-rikors ta' appell:

"Id-dar mhix proprjetà ta' l-attrici imma b'kera. Ma sarux benefikati li ghandhom valur fi[s-]suq, imma l-partijiet bejniethom irrangaw il-post li kien imkisser biex joqghodu fih. L-ispejjez harguhom bin-nofs. Nefqu elfejn lira Maltin. Jekk ir-ragel irranga allura kien qed jirranga fejn

kienet il-bejta tieghu. Ma kienx qed jaghmel benefikati ghall-mara. Dan ma kabbarx il-komunjoni u mhux *asset*. …

“Ghalhekk ma kienx akkrexximent fil-komunjoni dak li l-ewwel Onorabbli Qorti accettat bhala ‘dak li hareg l-konvenut’.”

Illi l-aggravji kontra s-sentenza appellata illi l-konvenut avanza permezz ta’ l-appell incidentali tieghu huma s-segwenti:

(1) Illi l-manteniment illi huwa ghandu jhallas ghal bintu m’ghandux ikun ta’ sittin lira maltija (Lm60) kull erbgha (4) gimghat izda ghandu jibqa kif kien *pendente lite*, jigifieri ta’ erbghin lira maltija (Lm40) kull xahar;

(2) Illi, kwantu ghall access illi huwa ghandu jkollu ghal bintu minuri, fi kliem l-appell incidentali, “… huwa … perikoluz illi wiehed jorbot l-access … mad-decizjoni tal-minuri, la darba il-minuri saret, kif stqarru is-*social workers* imqabbda mill-Qorti, *porta voce* ta’ l-omm u taghmel biss dak li tghidilha l-omm” u “… nofs siegha access kull hmistax huwa qasir”;

(3) Illi, kwantu ghas-somma ta’ Lm2610 illi l-ewwel Qorti ordnat lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut, fi kliem is-sentenza appellata, “… *per saldo* ghall-ispejjez kollha li ghamel [il-konvenut] fl-istess immobbli proprjetà ta’ l-attrici w ukoll ghal kull pretensjoni [tal-konvenut] dwar l-istess komunjoni”, fi kliem l-appell incidentali:
“… l-esponent ihoss … illi s-somma li kellha tigi dikjarat[a] bhala dovuta lilu, kellha tkun akbar biex tirrefletti dak li hareg, jew li l-ghamara kellha tigi divisa bejn il-partijiet”;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari ta’ dik il-parti tar-rikors ta’ appell intitolata “Dwar il-minuri” jirrizulta illi l-appellanti qed tibbaza l-ewwel (1) aggravju taghha - dak illi hija ma ghandhiex tigi soggetta ghal terapija a spejjez taghha - fuq is-sottomissjoni illi hija ma influwenzatx hazin lil bintha minuri bir-rizultat illi din ta’ l-ahhar qed tirrifjuta illi

tikkomunika ma' missierha, il-konvenut. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, hija meraviljata kif l-appellanti kellha l-wicc illi taghmel din is-sottomissjoni. Dana l-ezami jwassal lil dina l-Qorti sabiex tikkondividi pjenament is-sentimenti ta' l-ewwel Qorti kif espressi fis-segwenti silta mis-sentenza appellata (fol. 219):
"Illi fid-dawl ta' dan kollu [*i.e.* il-konsiderazzjonijiet maghmula a fol. 216 sa 219] din il-Qorti thoss li <u>ma hemm l-ebda dubju li l-istess attrici mmanipulat kemm felhet lill-minuri sabiex l-istess minuri ma tarax aktar lill-missierha</u>, u l-istess attrici ghamlet minn kollox sabiex tara li l-istess minuri u hija ma jikkoperawx ma' l-esperti kollha li gew imqabbda minn din il-Qorti sabiex jghinu lill-istess minuri ikollha kuntatt ma' missierha. … <u>l-attrici</u> ilha li ddecidiet li taqta' lill-konvenut minn hajjitha, u jidher li <u>hadet id-decizjoni ghat-tifla taghha wkoll, li taqta' lill-minuri minn kull kuntatt ma' missierha</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghalhekk, l-ewwel (1) aggravju ta' l-attrici appellanti mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) aggravju ta' l-attrici appellanti huwa fondat ghaliex il-provi prodotti ma jhallu ebda dubju illi d-dar matrimonjali tal-kontendenti kienet il-fond 35, Stivala Street, Paola u mhux - kif erroneament indikat bi svista evidenti fis-sentenza appellata - il-fond 35, Triq il-Ghabex, Marsa, illi huwa r-residenza tal-genituri tal-konvenut. *Del resto*, dan kollu huwa ammess mill-konvenut fit-tielet (3) pagina tar-risposta ta' appell tieghu;

*Inoltre*, jirrizulta illi l-fond 35, Stivala Street, Paola huwa mikri lill-attrici u mhux proprjetà taghha;

Ghalhekk, sejra ssir l-opportuna korrezzjoni fid-disposittiv ta' dan il-gudikat;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) aggravju ta' l-attrici appellanti mhux fondat ghaliex, kif jinghad tajjeb fis-sentenza appellata (fol. 222),

l-attrici stess tammetti illi l-konvenut ghandu jiehu minghandha nofs l-ispejjez inkorsi sabiex tigi reza abitabbli d-dar konjugali. Huwa utili illi, f'dan ir-rigward, tigi hawn citata s-segwenti silta mill-*affidavit* ta' l-attrici ipprezentat permezz ta' nota intavolata quddiem l-ewwel Qorti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu, 2002 (fol. 43):
"Waqt illi konna fil-post [*i.e.* id-dar konjugali] saru spejjez ta' madwar Lm2600 bejn spejjez illi hareg hu [il-konvenut] u jiena u dana qabel iz-zwieg. Jiena disposta illi naghtih l-Lm1,300" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

A skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija konxja illi l-attrici, fl-imsemmi *affidavit* taghha, immedjatament wara l-kliem appena citat, ziedet tghid hekk:
"Ahna konna tkellimna illi din is-somma tinqata' mill-Lm40 illi hu suppost jaghtini bhala manteniment";

Dan, però, ma jbiddel xejn mill-principju accettat mill-attrici illi hija ghandha tirrifondi lill-konvenut l-ammont illi huwa sborza sabiex isiru x-xogholijiet hawn fuq imsemmija. Min-naha l-ohra, l-attrici dejjem jibqghalha d-dritt illi, permezz tal-mezzi provvduti mill-ligi, tesigi minghand il-konvenut il-pagament ta' kwalsiasi arretrati ta' manteniment illi jistghu ikunu dovuti. Din l-ahhar konsiderazzjoni tghodd ghal dak illi jirrigwarda dik il-parti mit-talba (e) fir-rikors ta' appell illi permezz taghha l-attrici talbet illi dina l-Qorti "… tordna lill-konvenut jikkompensa lill-attrici ghall-manteniment arretrat ta' bintu Jessica". Ma hemm bzonn ta' ebda provvediment ta' dina l-Qorti f'dan il-gudikat sabiex l-attrici tkun tista' tippercepixxi kwalunkwe arretrati ta' manteniment illi jistghu huma dovuti;

Dwar l-aggravju in ezami, ghall-kompletezza, ghar-rigward ta' l-asserzjoni ta' l-appellanti illi l-ispejjez necessarji sabiex tigi rrangata d-dar konjugali il-kontendenti "harguhom bin-nofs", tajjeb illi jinghad illi l-ewwel Qorti emmnet lill-konvenut illi dawn l-ispejjez ghamel tajjeb ghalihom huwa biss u illi dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi prodotti, ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-gudizzju relattiv ta' l-ewwel Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-appell incidentali, l-ewwel (1) aggravju tal-konvenut kontra s-sentenza appellata jirrigwarda l-*quantum* tal-manteniment illi huwa gie kundannat ihallas ghal bintu minuri. Dan l-aggravju mhux fondat ghaliex il-konvenut ma avanza ebda sottomissjoni serja illi tikkonvinci lil dina l-Qorti illi tiddisturba l-gudizzju u d-diskrezzjoni ezercitati mill-ewwel Qorti meta hija stabbiliet l-ammont tal-manteniment. Tajjeb, però, illi tinghad xi haga dwar zewg sottomissjonijiet illi ghamel il-konvenut in sostenn ta' l-aggravju in ezami. Dawn huma:

(i) fi kliem ir-risposta ta' appell, "… l-attrici fl-ebda hin fil-kawza ma sostniet illi hija ma thossx illi l-kontribut tal-konvenut huwa bizzejjed";

(ii) ukoll fi kliem ir-risposta ta' appell, "… [huwa] jhallas kera ghal post li qatt m'hija anqas minn mitt lira maltin (Lm100) fix-xahar";

Dwar is-sottomissjoni (i) huwa sufficjenti illi jinghad illi wahda mit-talbiet attrici hija illi l-Qorti "tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja" ghat-tifla minuri Jessica u l-ewwel Qorti ghamlet precizament hekk fis-sentenza appellata. Dwar is-sottomissjoni (ii) jinghad biss illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi l-konvenut ihallas Lm100 kera fix-xahar jew izjed; tirrizulta biss nota intavolata mill-konvenut quddiem l-ewwel Qortri fil-hamsa (5) ta' Lulju, 2002 (fol. 49) illi fiha, fost affarijiet ohra, gie sottomess hekk:

"Illi l-esponent prezentement <u>jghix fid-dar ta' ommu u missieru</u> u <u>jghaddilhom is-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar</u> bhala <u>kumpens ghall-ispejjez</u>" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tieni (2) aggravju ta' l-appell incidentali, dina l-Qorti, filwaqt illi tissimpatizza hafna mal-konvenut illi jixtieq jara lil bintu minuri ghal hin itwal minn dak akkordat lilu fis-sentenza appellata u illi ma jixtieqx illi l-access

relattiv ikun jiddependi mill-volontà ta’ l-istess minuri, hija tal-fehma illi, mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi attwali kollha tal-kaz, senjatament illi jirrizulta illi ghal snin shah il-minuri ilha tirrifjuta illi tikkomunika ma’ missierha, *sia pure* ghaliex hija manipulata minn ommha, ma ghandhiex tiddisturba il-provvedimenti relattivi adottati fis-sentenza appellata, aktar u aktar meta mid-data ta’ l-ahhar imsemmija sentenza ghaddiet prattikament sena shiha u, illum, il-minuri ghandha ’l fuq minn erbatax-il sena;

Ikkunsidrat:

Illi, anke kwantu ghat-tielet (3) aggravju ta’ l-appell incidentali, dina l-Qorti hija tal-fehma illi ma ghandhiex tiddisturba l-gudizzju ta’ l-ewwel Qorti meta, ghal dak illi jirrigwarda is-sehem tal-konvenut mill-komunjoni ta’ l-akkwisti iddecidiet hekk (fol. 225):
“… *arbitrio boni viri* … tordna li l-attrici thallas lill-konvenut l-ammont komplessiv ta’ elfejn, sitt mija u ghaxar liri Maltin (Lm2,610) *per saldo* ghall-ispejjez kollha li ghamel fl-istess immobbli proprjetà ta’ l-attrici w wkoll ghal kull pretensjoni dwar l-istess komunjoni”;

Il-konvenut qed jippretendi illi l-imsemmi ammont ta’ Lm2610 ghandu jizdied “biex jirrifletti dak li hareg, jew li l-ghamara kellha tigi divisa bejn il-partijiet”. Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, l-ewwel Qorti ghamlet tajjeb illi ma ordnatx id-divizjoni fizika ta’ dawk illi l-konvenut isejjah “ghamara” ghaliex dan ma jaghmilx sens meta jigi konsidrat illi d-dar konjugali sejrin jibqghu jghixu fiha biss l-attrici u l-minuri u illi din l-“ghamara” tikkonsisti f’oggetti intizi ghall-istess dar u konsistenti fl-attrezzaturi tal-kcina, fl-ghamara ta’ kamra tas-sodda, f’*wall unit*, f’sufan u f’*washing machine*. Tajjeb illi jinghad ukoll illi l-imsemmija somma ta’ Lm2,610, stabbilita mill-ewwel Qorti, gustament tirrifletti l-valur relattiv ghaz-zmien meta giet pronunzjata s-sentenza u mhux il-prezz tax-xiri ta’ l-oggetti in kwistjoni u tax-xogholijiet maghmula fil-dar konjugali;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell principali u mill-appell incidentali billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevoka dik il-parti tad-disposittiv taghha dwar it-talbiet attrici enumerata 3(b) u, minflok, tiddikjara illi l-fond 35, Stivala Street, Paola, huwa mikri lill-attrici u illi l-konvenut ma ghandu l-ebda dritt fuq l-istess fond, u tikkonfermaha ghall-kumplament, b'dan illi t-termini ta' tletin (30) gurnata u ta' sitt (6) xhur imsemmija fid-dispositiv ta' l-istess sentenza ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati hekk: dawk koncernanti l-appell principali jihallsu kollha mill-attrici appellanti u dawk koncernanti l-appell incidentali jithallsu kollha mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------